# BETLEHEM IL-LUM

Il-lum, minn Ġerusalem sa Betlehem, bil-karozza tal-linja, iddum sejjer qisek għoxrin minuta. It-triq miksija bl-asfalt, u hi wiesgħa u tajba ġmielha, imma fiha wisq tagħwiġ u tliegħi u nżieli. U ma jistax ikun xorta oħra, għax it-triq il-wâtja li kien hemm qabel ħadu aktar minn nofsha l-Lhud, u minn fejn tgħaddi l-ġdida l-art kollha għoljiet u widjien bejniethom.

Betlehem ma hix belt kbira; ftit iżgħar minn belt imdaqqsa. Qegħda mferrxa fuq żewġ għoljiet, xi seba' mija u tmenin metru ogħla mill-baħar Mediterran, u jgħammru fiha ma' dwar id-dsataxer elf ruħ. Billi qegħda fuq il-għoljiet, fiha ħafna turġien u tliegħi. Fin-naħa l-qadima tagħha hemm toroq li daqs kemm huma dojoq, karozzi minnhom ma jgħaddux. Imma n-naħa l-ġdida tal-belt, li qegħda fuq ix-xaqliba li tħares lejn il-Qibla, jew Nofs inhar, it-toroq wesgħin sewwa.



*Dehra ta' Betlehem, mill-qrib.*

Id-djar ta' Betlehem, qodma u ġodda, kollha bis-saqaf ċatt, u tan-naħa l-qadima, huma żgħar ħafna, kif kienu jħobbuhom in-nies tal-antik. Tħares lejn Betlehem mill-bgħid, tistħajjlek qiegħed tara għadd ta' kaxex tal-merkanzija, kbar u żgħar, qegħdin fl-art fejn xulxin. Mit-twieqi ta' dawk id-djar, bil-lejl, jidhru ħafna dwal żgħar, u meta tarahom tistħajjel lil Betlehem xi Presepju minn dawk li jagħmlu t-tfal għal Milied.

F'Betlehem hemm għadd kbir ta' Djura tal-Patrijiet u s-Sorijiet; hemm ukoll sptar tal-Kattolki, kbir u sabiħ, u skejjel, privati u tal-Gvern, tgħidx kemm. Imma l-ħaġa li għaliha Betlehem magħrufa mad-dinja kollha, u li kull min imur l-Palestina, jżurha bla nuqqas, huwa l-Għar taħt l-art, li ġewwa fiħ twieled Ġesù.

Marija, omm Ġesù, u Ġużeppi, ir-raġel tagħha, kienu marru Betlehem, minn Nażaret, aktarx biex ikunu qrib Ġerusalem għall-Għid il-Kbir, u qagħdu f'dar żgħira tagħhom, li kienet kamra waħda u magħha jinfed għar. Kif kienu hemm, lil Marija għalqilha ż-żmien, u ġiebet fid-dinja lil Ġesù; u fisqietu u leffitu, u billi ma kellhiex benniena fejn tqegħdu, medditu ġewwa maxtura, hemm, għal kenn, f'dak il-għar.

Dan il-għar, f'dik il-kamra, baqa' magħruf u miżmum b'qima kbira mil-Lhud-Insara sa mill-ewwel żmenijiet; imma fis-sena 135, l-Imperatur Adrijanu biex jaqta' l-qima tal-Lhud-In-

sara lil Kristu, waqqa' l-kamra u ħa dak l-għar; ġewwa fiħ waqqaf statwi tal-allat ħżiena biex jagħtuhom qima l-Pagani, u fuqu, ħawwel ġnien. U l-Għar ta' Betlehem baqa' hekk, f'idejn il-Pagani għal xi mitejn sena neqsin ftit.

Fis-sena 330 marret il-Palestina Elena, omm Kostantinu l-Kbir, Imperatur ta' Ruma, li kienet saret Nisranija. Din ġiegħlet li jinqalgħu s-siġar mill-ġnien ta' fuq il-Għar, u l-Għar in-nifsu jitnaddaf u jinkesa bir-rħam u l-mużajk u ġewwa fiħ tarġa' tibda tingħata qima lil Kristu. Fuq il-Għar bniet Bażilka kbira u sabiħa li għadha wieqfa sal-lum — weħedha, mill-knejjes kollha li bniet hemm din is-sinjura — għad li kienet mimsusa u msewwija ma' tul il-mijiet tas-snin.

Il-Għar tat-Twelid ta' Ġesù jinsab taħt l-artal il-kbir ta' din il-Bażilka, u n-nies jinżlu fiħ minn żewġ tirġien, taraġ kull naħa tal-artal. Il-lum, il-Bażilka u l-Għar huma taħt idejn l-Insara ta' tliet Riti: Franġiskani, għar-Rit Latin (li jirrappreżentaw il-Kattolki tad-dinja kollha); il-Griegi Ortodossi, għar-Rit Biżantin, u l-Armeni għar-Rit Armen.

Ġewwa l-Għar jinsabu żewġ artali żgħar; artal minnhom qiegħed bejn iż-żewġ tirġien, jgħidulu l-artal tat-Twelid, u għandu taħtu mwaħħla fl-art kewkba kbira tal-fidda, b'kitba mad-dawra tagħha, bil-Latin, u artal ieħor jgħidulu l-artal tal-Maxtura. Wara l-Quddiesa l-Kbira ta' nofs il-lejl tal-Milied (li ma ssirx fil-Għar, imma fil-knisja tal-Franġiskani, qrib tiegħu) jagħmlu Purċissjoni bil-Bambin sabiħ li jitqiegħed quddiem dan l-artal, fejn kienet il-Maxtura. Iħalluħ hemm sa nhar il-Ħammiem, jew Epifanija fejn jiġu jżuruħ u jagħtuħ qima eluf ta' nies. Nhar l-Epifanija fil-għodu, fil-knisja tal-Franġiskani ssir Quddiesa Kbira oħra u Purċissjoni, u l-Bambin jittieħed minn hemm għal knisja tal-Parroċċa. Fil-knisja jinżamm f'niċċa fejn jaraħ kull ħadd, u jibqa' hemm is-sena kollha.



*Dehra ta' Betlehem, mill-bgħid.*

Għal Milied kull ħadd jixtieq jara Betlehem. Għal hekk ktibna dawn l-erba' kelmiet fuq Betlehem, biex issa, għal Milied, wieħed itaffi xewqtu, la ma jkunx jista' jmur Betlehem u jara kollox b'għajnejh. Bertu.